MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2012

Numru. 76/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Emmanuel Camilleri**

Kumpilazzjoni Numru: 76/2011

Illum 5 ta' Dicembru, 2012

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Emmanuel Camilleri**, ta' sebgha u sebghin (77) sena, iben Francesco u Paola neé Gafa, imwieled Xaghra, Ghawdex, nhar it-13 ta' Dicembru 1932 u joqghod No. 3A, Triq Jannar, Xaghra Ghawdex, u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 3033G, akkuzat talli nhar it-28 ta'

Mejju 2011, ghal habta ta' l-erbgha u nofs ta' filghaxija (16.30hrs) gewwa x-Xaghra Ghawdex;

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Alfred Camilleri (ID No. 49845G);
2. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebb ghall-persuna ta' Alfred Camilleri (Artikolu 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

3. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hedded lil Alfred Camilleri (Artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

4. Fl-istess data, hin lok u cirkostanzi hedded lil Alfred Camilleri (Artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

5. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b'ghajjat u glied (Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-ligi, tapplika l-provvedimenti ta' l-Artikoli 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 3 ta' Settembru 2012 li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(a) Artikoli 214, 216(1)(b), 202h(vii), 220A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) Artikoli 338(dd), 339(1)(d) u (e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi waqt l-udjenza tallum, l-imputat ddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u semghet ukoll lill-parte civile jiddikjara li kien qed jaghzel li ma jixhidx fil-konfront tal-imputat u li kien qed jirrinunzja ghal dak li huwa rinunzjabbli.

Rat li l-imputat ma xehedx u anqas ressaq ebda provi.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, fir-rigward tal-ewwel (1) u tal-hames (5) imputazzjonijiet, tillibera lill-imputat, fuq nuqqas ta’ provi, u fir-rigward tat-tieni (2), tat-tielet (3) u tar-raba’ (4) imputazzjonijiet tiddikjara l-procediment ezawriet *stante* rinunzja.

Finalment, in segwitu ta’ dak dikjarat mill-*parte civile*, fejn irrinunzjat ghal dak li huwa rinunzjabbli, il-Qorti ma tarax raguni valida ghala ghandha tapplika l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------